MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 253/2015/1 LM

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati tagħha Sina Bugeja (K.I. 237357M) għan-nom tal-'Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard (K.I. 422757M), Aida Portelli (K.I. 552158M), u Joseph Cini (K.I. 172651M), sija bil-polza u sija bil-liġi, u kif ukoll l-istess Sina Bugeja (K.I. 237357M) għan-nom tal-'Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard (K.I. 422757M), Aida Portelli (K.I. 552158M) u Joseph Cini (K.I. 172651M)**

***(L-appellati)***

***vs.***

**Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983)**

***(Is-soċjetà appellanta)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Palumbo Malta Shipyard Limited** (C 48983) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"), mis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata", mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"), li permezz tagħha din iddeċidiet li:

> *"Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata Palumbo Malta Shipyard Limited, u għalhekk:*
> *Tilqa' t-talba tar-rikorrenti, iżda limitatament kif ġej, u dana billi*
> *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Gasan Mamo Insurance Limited kif ukoll Sina Bugeja għan-nom tal-'Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard, Aida Portelli, u Joseph Cini fl-ammont ta' elf, tliet mija u tmenin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,380.23), liema ammont jinkludi l-ammont ta' mitejn u tletin euro (€230) dovuti lill-Foundation for Social Welfare Services, mija u ħamsa u sebgħin euro (€175) dovuti lil Aida Portelli, ħamsa u ħamsin euro (€55) dovut lil Joseph Abela u ħamsa u ħamsin euro (€55) dovuti lil Joseph Cini, ilkoll bħala rifużjoni tal-'excess' minnhom imħallas, u għalhekk*
> *Tikkundanna lis-soċjetà intimata Palumbo Malta Shipyard Limited tħallas is-somma ta' elf, tliet mija u tmenin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,380.23) lir-rikorrenti għal danni minnhom sofferti, kif aħjar deskritt aktar 'il fuq.*
> *Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tas-soċjetà intimata.*
> *Imgħax għandu jiddekorri fuq l-ammont hekk likwidat mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv."*

## Fatti

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet meta r-rikorrenti **Gasan Mamo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati tagħha Sina Bugeja *nomine*, Joseph Attard, Aida Portelli u Joseph Cini, flimkien mal-istess Sina**

**Bugeja *nomine*, Joseph Attard, Aida Portelli u Joseph Cini** (minn issa ’l quddiem “l-atturi”), istitwew kawża quddiem l-ewwel Qorti fejn talbu li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta’ elf, erba’ mija u seba’ Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€1,407.72) lill-atturi, wara li l-vetturi tal-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi sofrew ħsarat ikkawżati minn raxx ta’ residwi taż-żebgħa u ta’ grit li kienu qegħdin jintużaw fit-tarzna tas-soċjetà konvenuta. Għad li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata tagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat u għall-*excess* li tħallas mill-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi, din baqgħet inadempjenti, u għalhekk l-atturi kellhom jistitwixxu l-kawża.

3. Is-soċjetà konvenuta ħadet il-pożizzjoni li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li mhumiex imsejsa fuq provi materjali. Ġie eċċepit ukoll li l-parti tat-tarzna fejn ingħatat iż-żebgħa lill-bastimenti hija ferm ’il bogħod minn fejn kienu qegħdin il-vetturi inkwistjoni, u dan ix-xogħol isir f’post magħluq u mhux espost għall-elementi. Is-soċjetà konvenuta qalet ukoll li dakinhar li l-vetturi tal-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi sofrew danni ma kien sar l-ebda rapport formali lill-Pulizija, u dak iż-żmien fit-tarzna tagħha ma kienx qiegħed isir xogħol ta’ dik in-natura.

## Mertu

4. L-atturi ppreżentaw dawn il-proċeduri wara li għadd ta’ persuni assigurati mas-soċjetà ressqu talbiet taħt il-poloz tal-assigurazzjoni tagħhom, sabiex jitħallsu kumpens għad-danni li sofrew meta l-vetturi tagħhom kienu

pparkjati viċin it-tarzna tas-soċjetà konvenuta. Konsegwenza tal-ħsarat li ġarrbu dawn l-individwi, saru diversi rapporti lill-Pulizija, u saret ukoll Inkjesta Maġisterjali, wara li tul ix-xhur ta' Jannar u Frar tal-2013, residenti ta' Bormla u persuni oħra li kellhom il-vetturi tagħhom ipparkjati ġewwa Bormla fl-inħawi tat-Tarzna, ilmentaw li l-vetturi proprjetà tagħhom ġew danneġġati b'żebgħa fina li ġiet iddepożitata fuq il-vetturi tagħhom. Kienu diversi l-indikazzjonijiet li dan il-materjal kien qiegħed joriġina mit-tarzna operata mis-soċjetà konvenuta fl-istess inħawi. Il-Maġistrat Inkwirenti ħatret diversi esperti sabiex jistabbilixxu l-ħsarat fiex kienu jikkonsistu u minn fejn kienu qegħdin joriġinaw. Fost oħrajn, ġie maħtur bħala espert ġudizzjarju l-Professur George Peplow li eżamina b'mod xjentifiku t-tikek taż-żebgħa misjuba fuq il-vetturi, jottijiet u proprjetajiet li kienu fl-inħawi.

5. L-espert Dr George Peplow ikkonstata li bejn is-26 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2013, sar xogħol ta' *sandblasting* u ta' żebgħa fuq il-vapur bl-isem ta' 'Grande Brasile' li kien sorġut f'baċir numru 4, fit-tarzna operata mis-soċjetà konvenuta. Dan l-espert ikkonstata li dan il-baċir jinsab madwar ħamsin (50) metru fil-Lvant tas-sur li jagħti għall-Kottonera, u li matul dan il-perijodu riħ pjuttost qawwi kien qiegħed jonfoħ mil-Lbiċ, Punent u Punent-Majjistru, u għalhekk hemm probabbilità li dan ir-riħ kaxkar xi emissjonijiet min-naħa tal-baċir lejn it-tliet ibliet tal-Kottonera. Dr Peplow stabbilixxa wkoll li tul l-imsemmija ġranet, f'din it-tarzna sar xogħol ta' *sand blasting* u ntużat kwantità ta' żebgħa kemm b'sistema ta' *spray* kif ukoll bir-*rollers,* u qal li meta għamel eżami komparattiv bejn iż-żebgħa li nstabet fuq dawn il-vetturi u ż-żebgħa li

ntużat fuq il-bastiment 'Grande Brasile', hu seta' jikkonstata li ż-żebgħa kienet identika. Dan l-espert ikkonkluda r-rapport tiegħu billi qal li partiċelli taż-żebgħa jistgħu faċilment jinġarru mar-riħ u jibqgħu niedja biżżejjed biex meta jaqgħu jħallu tikek u tbajja fuq vetturi u proprjetà, anki jekk jirriżulta li dawn ikunu f'distanza 'l bogħod mis-sors taż-żebgħa.

6. Jirriżulta li l-ħames persuni li ressqu *claims* mas-soċjetà attriċi, ilkoll qalu li fuq il-vetturi tagħhom kien waqa' trab iswed u li dan ma setax jitneħħa faċilment. Wara li saru verifiki min-naħa tas-soċjetà attriċi u saru wkoll rapporti lill-Pulizija, saret ukoll Inkjesta Maġisterjali fejn ġew maħtura diversi esperti sabiex jirrelataw u jippreżentaw il-konklużjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. L-ewwel Qorti semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Frankie Sammut, li qal li fiż-żmien rilevanti, kienu saru aktar minn elf rapport minn residenti fil-Kottonera rigward titjir u ħsara mill-*blasting* u miż-żebgħa, u l-indikazzjonijiet kollha kienu li dawn kienu qegħdin jiġu kkawżati mit-Tarzna ta' Palumbo. Il-Professur George Peplow spjega l-metodoloġija użata minnu sabiex wasal għall-konklużjoni li l-ħsarat li kienu qegħdin jilmentaw minnhom id-diversi persuni li għamlu r-rapport dwar ħsarat li sabu fil-vetturi tagħhom, kienu qegħdin joriġinaw mit-tarzna tas-soċjetà konvenuta, u qal:

> "Allura li għamilt qbadt kampjuni tad-depożiti tat-tbajja li kien hemm fuq il-karozzi u kkomparajthom mat-tbajja eżistenti li kien hemm fil-Palumbo Shipyard u kemm fil-madwar. Anke per eżempju kien hemm pjanti ... immedjatament kien hemm pjanti li kien hemm tbajja li bil-mikroskopju qabbilthom ukoll mat-tbajja li kien hemm fuq il-karozzi. Iġifieri t-tbajja li kien hemm fuq il-karozzi qablu mat-tbajja li kien hemm

fuq dawn il-pjanti ... pjanti friski, selvaġġi u t-tbajja li kien hemm ġewwa, internament fejn ġie allegat il-vapur partikolari li kien sar l-i*spray* fuqu ftit qabel.
...
U dawn qablu. Però jien imbagħad ippruvat nara dawn it-tbajja kif setgħu waslu mill-Palumbo Shipyard, qabżu l-bini ta' Bormla u spiċċaw il-Birgu u fuq il-*yachts* li kien hemm il-Waterfront. Allura għamilt id-direzzjoni tar-riħ, għamilt is-*signs* tad-*drops* u għamilt investigazzjoni xjentifika biex nara kif dawn setgħu waslu t-traġitt kollu u baqgħu friski u ddepożitaw, għaliex ovvjament l-i*spray* taż-żebgħa bil-ħin se jinxfu, però mill-MSDS, mill-*material safety data sheet* li tawni taż-żebgħa kien jirriżulta ...
...
... Ovvjament l-MSDS kien tal-*manufacturer* oriġinali. Allura sibt li bil-ħin li sar it-traġitt, bil-ħin li ħa, ma kienx hemm ħin biżżejjed biex dawn jilħqu jinxfu, allura setà u fil-fatt ippruvajt li kien hemm dan il-każ li d-*droplets* li huma żgħar, setgħu taru bir-riħ u dakinhar id-direzzjoni kienet, iva, ġejja min-naħa tal-Palumbo, tgħaddi minn fuq Bormla u tieqaf il-Birgu, fuq il-*yacht marina* tal-Birgu u l-ħin kien biżżejjed biex dawn id-*droplets, aerosol* insomma, ma jinxfux u iva jimmarkaw fuq il-proprjetà."

## <u>**Is-Sentenza Appellata**</u>

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2019, l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, u laqgħet it-talbiet tal-atturi limitatament għal-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' elf, tliet mija u tmenin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,380.23), u dan wara li għamlet is-segwenti konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet, kemm fattwali kif ukoll legali:

*"1. Jirriżulta, mill-provi ppreżentati, illi s-soċjetà intimata Palumbo Malta Shipyards Limited, hija l-operatur tat-Tarzna illi tinstab ġewwa l-Isla.*

*2. Jirriżulta illi fix-xhur ta' Jannar u Frar tas-sena 2013, residenti ta' Bormla u persuni oħra illi kellhom il-vetturi tagħhom ipparkjati ġewwa l-Bormla fil-viċinanzi*

*tat-Tarzna ilmentaw illi vetturi u proprjetajiet tagħhom kienu ġew danneġġjati b'materjal fil-forma ta' żebgħa fina illi ddepożita ruħu fuq il-vetturi u proprjetajiet tagħhom, liema materjal probabbilment kien oriġina mit-Tarzna waqt illi kienu qed isiru xi xogħlijiet hemm.*

*3. Jirriżulta illi sussegwentement infetħet Inkjesta Maġisterjali fejn ġew appuntati varji esperti sabiex jistabbilixxu l-ħsarat ikkonstatati mir-residenti u l-kawża tal-istess.*

*4. Jirriżulta illi, fost l-esperti mqabbda, ġew imqabbda l-espert Professur George Peplow, espert tekniku, sabiex jeżamina ż-żebgħa u grit blast illi kien hemm u jistabbilixxi minn fejn oriġinat, kif ukoll l-espert Joe Zammit, sabiex jeżamina l-vetturi u jikkonstata l-ħsara illi ġiet riskontrata fihom.*

*5. Jirriżulta illi l-Inkjesta Maġisterjali ngħalqet fit-30 ta' Jannar 2014, wara illi l-varji esperti espletaw l-inkarigi taħghom u nbdew proċeduri kriminali.*

*6. Jirriżulta illi s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, kellha varji karozzi fid-dintorni illi kienu koperti minn polza tal-assigurazzjoni, jew fuq il-vettura stess jew, fil-każ ta' xi vetturi, għal soċjetà illi għaliha kienu qed jaħdmu s-sidien ta' xi vetturi, liema sidien kienu għalhekk koperti mis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited.*

*7. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, permezz ta' tali poloz, onorat varji 'claims' illi saru lilha, wara illi tħallset l-'excess' da parte tal-klijenti rispettivi.*

*8. Jirriżulta, di fatti, illi bħala riżultat, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited għamlet is-segwenti pagamenti:*

*(1) Pagament ta' €301.63 lil Aida Portelli għall-vettura AID-111. (fol. 268);*
*(2) Pagament ta' €276.08 u €33, total ta' €309.08, lil Charlton Abela għall-vettura KBO-247, (fol. 210, 212);*
*(3) Pagament ta' €295 lill-Foundation for Social Welfare Services għall-vettura RAE-148, proprjetà ta' Raylene Bugeja, impjegata tal-Fondazzjoni (fol. 215);*
*(4) Pagament ta' €230.09 lill-Foundation for Social Welfare Services għall-vettura MRN-782, proprjetà ta' Marianne Bonavia, impjegata tal-Fondazzjoni (fol. 219);*
*(5) Pagament ta' €244.43 lil Joseph Cini għall-vettura EBP-513 (fol. 222);*

*9. Jirriżulta ukoll illi tħallsu s-segwenti 'excess' lis-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited mill-assikurati, rikorrenti wkoll fil-proċeduri odjerni:*

*(1) Excess ta' €175 imħallas minn Aida Portelli għall-vettura AID-111 (fol. 209);*
*(2) Excess ta' €55 imħallas minn Charlton Abela għall-vettura KBO-247 (fol. 214);*
*(3) Excess ta' €115 imħallas mill-Foundation for Social Welfare Services għall-vettura RAE-148 (fol. 218);*
*(4) Excess ta' €115 imħallas mill-Foundation for Social Welfare Services għall-vettura MRM-782 (fol. 221);*
*(5) Excess ta' €55 imħallas minn Joseph Cini għall-vettura EBP-913 (fol. 225).*

*4. Konsiderazzjoni Peritali*

*1. Jirriżulta illi fl-Inkjesta Maġisterjali illi saret fuq talba tal-Pulizija wara illi rapport illi huma kellhom, jirriżulta illi tqabbdu varji esperti, fosthom l-Espert Kimiku Professur George Peplow, illi kien inkarigat jeżamina l-ħsarat riskontrati u jevalwa minn fejn setgħu ġew u x'ikkawżahom, kif ukoll is-Sur Joe Zammit, illi kien inkarigat jeżamina l-vetturi li dwarhom sar rapport.*

*2. Jirriżulta illi l-Professur George Peplow, f'rapport dettaljat u studjat, kellu dan xi jgħid dwar l-investigazzjonijiet illi huwa għamel: (fol. 316)*

*IL-KONKLUŻJONIJIET FIL-QOSOR*

1. *Kampjuni ta' tikek u tebgħat solidi nġabru minni, Dr George Peplow, kif ukoll mill-pulizija tal-forensika, minn fuq vetturi, yachts u proprjetajiet privati, biex jiġu eżaminati permezz ta' mikroskopju, u jiġi kkonfermat jekk dawn it-tikek kinux tikek ta' żebgħat u ramel tas-sand blasting li allegatament oriġinaw minn xogħol li sar fil-Palumbo Shipyards.*
2. *Jirriżulta li residenti min-naħa tal-Kottonera ssottomettew ilmenti mal-għassa tal-Pulizija ta' Bormla fil-perijodu tal-ewwel ġimgħat ta' Frar ta' 2013, rigward dawn it-tikek li allegatament ikkaġunawlhom ħsarat.*
3. *Jirriżulta li bejn is-26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, saret sand blasting u żebgħat fuq il-vapur Grande Basile, li kien sorġut fil-Baċir Numru 4, fil-Palumbo Shipyards. Dan il-Baċir jiġi xi 50 metru n-naħa tal-Lvant tas-sur li jagħti għal Triq it-Tlett Ibliet, Bormla.*

4. *Jirriżulta li matul il-perijodu 26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, id-direzzjoni tar-riħ kienet mid-direzzjonijiet tal-Lbiċ, Punent u Punent-Majjistru, li għalhekk seta' kaxkar xi emissjonijiet min-naħa ta' Baċir 4, għal fuq l-inħawi ta' Bormla u l-Isla. Il-veloċità tar-riħ, matul dawn l-istess ġranet, kien relattivament qawwi.*

5. *Jirriżulta li matul il-perijodu tas-26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, sar sand-blasting u intużat kwantità ta' żebgħa tad-ditti Jotun u Hempel Paints, permezz ta' spray kif ukoll bir-rollers, fuq il-Grande Basile, f'Baċir Nru. 4; żebgħa ta' diversi kuluri, bl-akbar volum ikunu żebgħa bajda, ħamra, safra, u f'ammonti anqas, blu, ħadra, griża u sewda.*

6. *Li studji bil-mikroskopju jikkonfermaw li l-biċċa l-kbira assoluta tal-kampjuni miġbura, kellhom tikek u tbajja ta' żebgħa fil-maġġiorparti ta' kuluri bojod, ħomor u sofor. It-tikek jaqblu perfettament bejn il-kampjuni kollha: fil-fiżjonomija ġeometrika kulur u riflessjoni tad-dawl. Jaqblu wkoll ma' tikek ta' żebgħa identika bħal dik użata fuq il-Grande Brasile, li ġiet iġġenerata fil-workshop tal-aġent taż-żebgħa Jotun.*

7. *Jirriżulta li qtar taż-żebgħa (partiċelli) jistgħu faċilment itiru mar-riħ u jibqgħu niedja biżżejjed biex eventwalment jaqgħu u jħallu tikek u tbajja' fuq vetturi, yachts u proprjetà anke jekk dawn tal-aħħar ikunu f'elevazzjoni ogħla u metri 'l bogħod mis-sors bħal ma kien Baċir Nru. 4.*

3. *Jirriżulta wkoll illi l-Professur George Peplow, tul l-investigazzjoni tiegħu, eżamina aktar minn ħames mitt vettura, inkluż il-ħames vetturi mertu tal-kawża odjerna, u wara l-investigazzjoni tiegħu huwa seta' jikkonstata s-segwenti fil-vetturi mertu tal-kawża odjerna:*

*a. Vettura EBP-913 – 10 tikek sofor; 80 tikka bajda; 10 tikek ħomor; Grit Blasting – (fol. 340);*
*b. Vettura KBO-247 – 100 tikka bajda. Grit Blasting (fol. 348);*
*ċ. Vettura MRN-782 – Grit Blasting (fol. 348);*
*d. Vettura RAE-148 – 100 tikka bajda; Grit Blasting (fol. 352);*
*e. Vettura AID-111 – Grit Blasting (fol. 353).*

4. *Jirriżulta illi l-espert Joseph Zammit, fl-aċċessi li għamel fejn eżamina l-vetturi, kellu dan xi jgħid dwar il-vetturi illi huwa spezzjona:*

*a. "Vettura EBP913 ta' għamla Toyota Vitz ta' kulur griż metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi li trattament ta' polish ħafif għal spiża ta' 160 euro" (fol. 524);*
*b. "Vettura MRN782 ta' għamla Toyota Aygo ta' kulur Griż metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish intensiv għal spiża ta' 200 euro" (fol. 571);*
*ċ. "Vettura KBO247 ta' għamla Chevrolet ta' kulur aħdar metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish ħafif għal spiża ta' 150 euro" (fol. 574);*
*d. "Vettura AID111 ta' għamla Mercedes ta' kulur iswed instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi ammont ta' polish intensiv għal spiża ta' 300 euro" (fol. 575).*

5. *Jirriżulta illi l-espert Joseph Zammit ma eżaminax il-vettura RAE-148.*

6. *Jirriżulta illi s-surveyors tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited eżaminaw il-vetturi wkoll illi s-segwenti surveyors kellhom dan xi jgħidu:*

a. *Surveyor Colin Cassar:*

*i. Vettura EBP 913: "The vehicle's exterior body panels and exterior electrical and trim components are stained with white paint droppings" (fol. 48)*
*ii. Vettura MRN782: "The vehicle's exterior body panels, glass and trim components are covered in white paint droppings" (fol. 58).*

b. *Surveyor Tarcisio Mercieca:*

*i. Vettura KBO247: "Miscellaneous (Medium) Damaged by industrial fallouts, lives next to Dockyard. Over spray all over the car" (fol. 82)*
*ii. Vettura AID111: "Over spray all over the vehicle" (fol. 86)*

ċ. *Surveyor David Mifsud:*

*i. Vettura RAE148: "Moderate cosmetic damage due to sandblasting negatively affecting the vehicle's paintwork" (fol. 90)*

5. *Konsiderazzjoni ulterjuri*

*1. Jirriżulta illi d-difiża tas-soċjetà intimata fil-proċeduri odjerni kienet ibbażata fuq l-argumentazzjoni illi, l-ewwel u qabel kollox, ma kinux responsabbli għal kwalsiasi tip ta' ħsarat, filwaqt illi allegaw illi ma sar ebda rapport lill-Pulizija meta allegatament seħħ l-akkadut u illi l-assikurati kienu qed jippruvaw jieħdu vantaġġ ta' sitwazzjoni illi kienet ingħatat pubbliċità;*

*2. Jirriżulta, madanakollu, a differenza ta' dak illi allegat is-soċjetà intimata, illi l-espert imqabbad mill-Qorti fl-Inkjesta Maġisterjali, il-Professur George Peplow, ikkonkluda illi xogħlijiet li kienu qed isiru ġewwa Baċir Nru. 4 fuq il-bastiment Grande Brasile bejn is-26 ta' Jannar 2013 u l-14 ta' Frar 2013 spiċċa kkawża ħafna ħsara fid-dintorni, fosthom fuq vetturi, liema ħsara kien il-biċċa l-kbira tikek ta' żebgħa bojod, sofor u ħomor, kif ukoll ramel ta' sandblasting;*

*3. Jirriżulta, kemm mir-rapport tal-espert imqabbad mill-Qorti fl-Inkjesta Maġisterjali Joseph Zammit kif ukoll mis-surveyors tas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, illi l-vetturi lkoll kellhom ħsarat illi kienu jikkonsistu f'żebgħa mferrxa madwar il-vetturi, liema ħsarat kienu jvarjaw f'intensità iżda li kollha kienu jissolvew b'polish tal-vettura;*

*4. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi ġew ippreżentati irċevuti fejn jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti ħallset b'kollox is-somma ta' €1,380.23, kif jidher aħjar deskritt fil-punt Nru. 3.8 aktar 'il fuq bir-riċevuti esebiti, għal tali ħsarat;*

*5. Jirriżulta illi f'tali somma, hemm l-ammont ta' €515 f'excess imħallsa mill-assigurati tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, kif aħjar deskritti fil-punt Nru. 3.9 aktar 'il fuq, liema somma trid eventwalment tiġi risarċita lill-istess assikurati;*

*6. Jirriżulta illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi l-ħsarat ikkawżati fuq il-vetturi MRN-782, RAE-148, KBO-247, AID-111 u EAP-918, kienu lkoll ħsarat kkawżati minn xogħlijiet illi saru ġewwa l-Baċir Numru 4, illi huwa amministrat mis-soċjetà intimata, u dan kif ikkonstatat ukoll mill-Espert Tekniku l-Professur George Peplow;*

*7. Jirriżulta, finalment, illi l-ispejjeż inkorsi f'kull vettura, jidher illi huma ġustifikati, kemm mill-istima approssimattiva tal-espert tal-Qorti Joseph Zammit, kif ukoll mis-Surveyors tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, u l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita l-veraċità tagħhom."*

**L-Appell**

8. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat l-appell tagħha fis-16 ta' April, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex -

*"... tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta datata 28 ta' Marzu, 2019 billi tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

9. Is-soċjetà appellanti tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għaliex: (i) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta kkonkludiet li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-ħsarat li lmentaw minnhom l-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà appellanti ħassitha aggravata għax l-ewwel Qorti għamlet tagħha l-konklużjonijiet ippreżentati mill-Professur George Peplow u mill-espert Joseph Zammit f'rapport li huma ħejjew wara li ntalbu jassistu fl-Inkjesta Maġisterjali li kienet saret wara li diversi persuni għamlu rapport lill-Pulizija minħabba ħsarat li huma sofrew fuq il-vetturi u l-proprjetà tagħhom fil-perijodu bejn Jannar u Frar tas-sena 2013. F'dak iż-żmien inzerta li fit-tarzna operata mis-soċjetà konvenuta kien qiegħed isir xogħol fuq vapur kbir bl-isem ta' 'Grande Brasile', li ħareġ mit-Tarzna ta' Palumbo fl-14 ta' Frar, 2013. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-ilmenti tal-atturi assigurati tas-soċjetà appellata saru b'riferiment għal perijodu meta mhux neċessarjament kien qiegħed isir xogħol fuq l-imsemmi bastiment. Intqal ukoll li l-analiżi teknika li saret mill-esperti maħtura sabiex

jassistu fl-Inkjesta Maġisterjali kienet tapplika għall-perijodu bejn is-26 ta' Jannar, 2013 u l-14 ta' Frar, 2013, u l-ħsarat li lmentaw minnhom l-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi ma ġarbuhomx f'dak il-perijodu. Bħala eżempju s-soċjetà appellanti qalet li l-allegata ħsara li ġiet sofferta fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP913 seħħet fit-18 ta' Frar, 2013. Intqal ukoll li mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, ma jistax jiġi stabbilit b'mod konklussiv li l-preżenza tal-*grit* fuq il-vetturi spezzjonati bilfors trid tiġi attribwita għall-attività industrijali ġewwa d-*dockyard* operata mis-soċjetà konvenuta, u s-*surveyor* li spezzjona l-vetturi għamel dan żmien twil wara li saru r-rapporti mill-persuni affettwati, sabiex b'hekk ma jistax jintqal b'mod konklussiv li l-ħsara sofferta mill-persuni assigurati mas-soċjetà appellata, għandha bilfors tiġi attribwita lill-attività industrijali tas-soċjetà konvenuta, peress li fl-istess inħawi jsiru diversi attivitajiet industrijali oħra minn terzi. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, is-soċjetà appellanti qalet li l-ewwel Qorti ma setgħetx tkun konvinta li fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, is-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-Risposta tal-Appell l-atturi appellati jsostnu li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u dan peress li d-danni li qegħdin jilmentaw minnhom l-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi seħħew bejn is-6 ta'

Jannar, 2013 u l-15 ta' Frar, 2013, matul liema perijodu kien hemm diversi rapporti u ilmenti minn residenti u minn persuni li kellhom il-vetturi tagħhom ipparkjati fl-inħawi tal-Kottonera. Kien minħabba f'dawn id-diversi ilmenti li saret Inkjesta Maġisterjali fejn ġew maħtura għadd ta' esperti li eżaminaw aktar minn ħames mitt vettura bl-għan li jinstab is-sors tal-ħsarat li lmentaw minnhom dawn il-persuni. L-appellati sostnew li l-Qorti tal-Appell hija qorti ta' reviżjoni u ma tindaħalx fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti sakemm ma tkunx sodisfatta li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tkun ġiet eżerċitata manifestament ħażin. Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti, jekk mhux għal raġunijiet gravi. Is-soċjetà appellata qalet li l-*claim forms* fir-rigward ta' tnejn mill-vetturi assigurati magħha (MRN782 u RAE148) juru ċar li l-ħsarat ġew sofferti fi Frar tal-2013, u li l-ħsara fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP913 seħħet bejn l-14 u t-18 ta' Frar 2013. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li minkejja li l-appellanti għamlu riferiment għall-fatt li l-Professur George Peplow ikkonkluda li l-*grit* kien preżenti fil-parti l-kbira tal-kampjuni, iżda ilmenti simili kienu ilhom isiru matul l-aħħar għaxar snin, u fl-istess waqt is-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova quddiem l-ewwel Qorti li l-preżenza ta' dawn il-materjali kienet ġejja minn xi sors ieħor u mhux mit-tarzna tagħha. B'riferiment għall-*claim form* fir-rigward tal-vettura RAE 148, is-soċjetà appellata qalet li huwa minnu li din ġiet sottomessa f'Novembru tal-2013, u l-ispezzjoni mis-*surveyor* saret f'Jannar tal-2014, iżda din il-vettura partikolari kienet waħda minn dawk eżaminati mill-

Professur Peplow fi Frar tal-2013, u dakinhar fuqha kienu nstabu traċċi ta' materjali li kienu qegħdin jintużaw fl-attività industrijali tas-soċjetà konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tas-soċjetà konvenuta fil-kuntest tal-provi li ġew prodotti, fid-dawl ta' dak li ġie sottomess mill-partijiet u tad-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti.

*L-aggravju tal-appellanta:* *nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-provi li wassal għal deċiżjoni żbaljata mill-ewwel Qorti*

Huma diversi l-provi prodotti in atti li jindikaw li bejn Jannar u nofs Frar tas-sena 2013, ġewwa t-tarzna mmexxija mis-soċjetà konvenuta, sar xogħol ta' *sand-blasting* fuq bastiment ta' ċertu kobor, f'kundizzjonijiet fejn ir-riħ kien qiegħed jonfoħ b'ċerta qawwa fid-direzzjoni tat-tliet ibliet tal-Kottonera, fejn jgħixu u/jew jaħdmu diversi persuni li għamlu rapporti għax il-vetturi jew il-proprjetajiet tagħhom ġew affettwati minn titjir ta' grit u *spray* ta' żebgħa waqt xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fit-tarzna tas-soċjetà konvenuta. Permezz tal-appell tagħha, is-soċjetà konvenuta qiegħda titlob lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li kienu tressqu quddiem l-ewwel Qorti, sabiex tistabbilixxi jekk l-ilmenti mressqa mill-atturi kellhomx bħala sors tagħhom l-attività industrijali tas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li fil-perijodu bejn Jannar u Frar tas-sena 2013, kienu diversi l-persuni li għamlu rapporti

mal-Pulizija minħabba ħsarat li soffrew fuq vetturi u proprjetà tagħhom, u dawn il-persuni kollha indikaw li s-sors ta' din il-ħsara kien ix-xogħol li kien qiegħed isir fit-tarzna tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta, filwaqt li ma tiċħadx li fil-perijodu inkwistjoni kien sar xogħol fit-Tarzna fuq bastiment ta' ċertu kobor, fl-istess ħin tgħid li mhux ġust magħha li saru għadd konsiderevoli ta' rapporti minn persuni li ddeċidew li jagħmlu rapport sempliċiment għax persuni tal-konoxxenza tagħhom kienu għamlu rapport għax allegatament sofrew ħsara, meta mill-provi jirriżulta li wħud minn dawn l-ilmenti lanqas biss ġew investigati. Is-soċjetà appellanta ssostni li ma saritx ġustizzja magħha għaliex l-ilmenti kollha li saru lill-Pulizija kienu ġew koperti taħt Inkjesta Maġisterjali waħda u għalhekk tgħid li ġiet attribwita ħtija lilha anki għal ċirkostanzi u sitwazzjonijiet li mhux neċessarjament seħħew meta kien qiegħed isir ix-xogħol fit-tarzna tagħha fuq il-bastiment Grande Brasile. F'dak il-perijodu ta' żmien partikolari saru bosta ilmenti u rapporti minn diversi persuni, u skont ix-xhieda ta' **PC 831 Jonathan Bordieri** quddiem l-ewwel Qorti waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2017, l-ammont ta' rapporti li kienu saru fl-għassa ta' Bormla ġie deskritt bħala "burraxka".

Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, jirriżulta li l-ħames vetturi mertu ta' dawn il-proċeduri kienu lkoll koperti minn polza tat-tip *comprehensive* mas-soċjetà attriċi, u fir-rigward ta' dawn il-vetturi tressqu *claims* separati dwar id-danni sofferti minnhom. Jirriżulta mix-xhieda mogħtija quddiem l-ewwel Qorti minn **Malcolm Aquilina**, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, li r-rapporti lill-Pulizija kienu saru: fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MRN

782, fil-15 ta' Frar, 2013; fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RAE 148, fil-15 ta' Frar, 2013; fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBO 247, fis-6 ta' Jannar, 2013; fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AID 111, fit-2 ta' Frar, 2013; u fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 913, fl-14 ta' Frar, 2013. Għaldaqstant dawn l-ilmenti u r-rapporti kienu saru kollha fl-istess żmien meta kien qiegħed isir xogħol ta' *sandblasting* u ta' *spraying* fuq il-bastiment bl-isem ta' 'Grande Brasile' fit-Tarzna ta' Palumbo. Tant kienu numerużi l-ilmenti li kienu waslu għand il-Pulizija f'dak il-perijodu, partikolarment minn sidien ta' vetturi, proprjetajiet u jottijiet fl-inħawi, li kienet saret Inkjesta Maġisterjali fejn kienu ġew maħtura diversi esperti tekniċi sabiex jassistu fl-inkjesta.

Ix-xhud **Colin Cassar** li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, xehed li fir-rigward tal-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni MRN 782 u EBP 913, kien hemm titjir ta' żebgħa bajda "*all around their body parts.*" Is-*survey report* li sar fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBO 247 fl-1 ta' Frar, 2013 jikkonstata ukoll li l-ħsara fuq din il-vettura kienet "*damaged by industrial fallouts. Lives next to dockyard.*" Dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RAE 148, ġie stabbilit fis-*survey report,* li sar fis-6 ta' Jannar 2014, li din kellha *"moderate cosmetic damage due to sandblasting negatively affecting the vehicle's paintwork."*

**Aida Portelli**, sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AID 111, xehdet li hija kienet għamlet rapport lill-Pulizija għaliex fuq il-vettura tagħha kienet sabet:

> "Tikek, xi ħaġa qisu bħal meta tkun, jien naf, xi ħaġa taħraq u teħel mal-*ispray* hekk jiġi *rough,* u mal-ħġieġ."

Ix-xhud **Marianne Bonavia**, sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MRN 782, xehdet li:

> "Il-karozza ma kinitx ilha barra ħafna u kienet mimlija *sandblasting."*

**Raelene Bugeja**, sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RAE 148, min-naħa tagħha xehdet li:

> "Kelli l-*windscreen* kollu raxx li lanqas tista' ssuq fix-xemx, tant kemm jiġi jleqq il-*windscreen* ma tarax issuq. Kien kollu mgħotti bit-titjir u l-karozza kienet kollha tikek kannella."

**Il-Professur George Peplow**, li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti biex iħejji rapport dwar id-diversi lmenti li kienu saru minn sidien ta' proprjetajiet u vetturi pparkjati fl-inħawi, irrileva illi traċċi jew kwantità ta' tbajja' ta' żebgħa tal-istess kuluri nstabu konsistentement fil-biċċa l-kbira tal-kampjuni elevati minn fuq il-vetturi, jottijiet u residenzi rrapurtati lill-Pulizija, liema traċċi u kuluri kienu jaqblu ma' dawk li ntużaw fuq il-Grande Brasile bejn is-26 ta' Jannar, 2013 u l-14 ta' Frar, 2013. Is-soċjetà appellanta użat il-parametri ta' dawn iż-żewġ dati stabbiliti mill-Professur Peplow sabiex issostni l-argument tagħha li wħud mill-ilmenti mis-sidien tal-vetturi saru qabel jew wara dawn id-dati u għalhekk ma jistax ikun li r-riżultanzi tal-Inkjesta Maġisterjali kienu japplikaw għall-ħsarat sofferti minn dawn il-vetturi. Il-Qorti tirrileva iżda li anki

f'dawk il-każijiet fejn ir-rapporti lill-Pulizija mis-sidien tal-vetturi mertu ta' dawn il-proċeduri saru wara li l-bastiment 'Grande Brasile' kien ħareġ mill-port, il-ħames vetturi li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri kollha kemm huma kienu ġew analizzati mill-Professur Peplow b'rabta max-xogħlijiet li kienu saru fuq l-imsemmi bastiment fiż-żmien meta dan kien ġot-Tarzna ta' Palumbo, u fuq dawn il-vetturi kollha nstabu traċċi ta' *grit* u ta' depożiti marbuta mas-*sandblasting* li kien sar fuq dan il-bastiment. Il-Professur Peplow kkonkluda li l-kampjuni li huwa ħa minn fuq il-ħames vetturi mertu ta' dawn il-proċeduri, kienu jaqblu maż-żebgħa li ntużat fuq il-bastiment. Fil-fatt fir-rigward tal-vettura EBP 913, il-Professur Peplow stabbilixxa li kien hemm il-preżenza ta' *grit,* dwar il-vettura KBO 247 instab li kien hemm *grit* u traċċi ta' żebgħa bajda u ta' żebgħa ħamra, fir-rigward tal-vettura MRN 782 instab *grit* u traċċi ta' żebgħa bajda, fuq il-vettura RAE 148 instabu traċċi ta' żebgħa ħamra u *grit,* filwaqt li fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AID 111 instabu traċċi ta' *grit.* Dan jikkombaċja perfettament ma' dak li xehdu diversi esponenti tas-soċjetà konvenuta, li qalu li fuq il-vapur inkwistjoni l-ewwel sar xogħol ta' *sandblasting* u wara sar xogħol ta' żebgħa. Il-Professur Peplow spjega x'tip ta' eżamijiet xjentifiċi wettaq sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, inkluż it-tip ta' żebgħa użata, kemm iddum biex tinxef u d-direzzjoni tar-riħ fil-perijodu in eżami, sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Is-soċjetà konvenuta donnha qiegħda timplika li l-ilmenti kollha li saru mir-residenti u mis-sidien tal-vetturi tal-inħawi fil-perijodu bejn Jannar u Frar tal-2013 ma ġewx investigati b'mod li ġie stabbilit ness ta' kawżalità bejn id-danni

soffert u l-attività industrijali li kienet qiegħda ssir mis-soċjetà konvenuta fit-Tarzna ta' Palumbo. Għall-kuntrarju din il-Qorti tqis li ġie suffiċjentement ippruvat li kien hemm rabta bejn l-attività industrijali tas-soċjetà appellanti fit-tarzna tagħha bejn Jannar u Frar tal-2013 u d-danni attwalment sofferti mill-atturi fuq il-vetturi inkwistjoni. Ir-rapport imħejji mill-Professur Peplow jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-provenjenza tal-materjal iddepożitat fuq il-vetturi mertu ta' dawn il-proċeduri kienet l-attività industrijali li kienet qiegħda ssir mis-soċjetà konvenuta fit-tarzna tagħha, u mill-imsemmi rapport jirriżulta bl-aktar mod ċar li anki jekk is-*surveys* fuq il-vetturi f'uħud mill-każijiet saru ferm wara li ġrat il-ħsara, l-analiżi mill-Professur Peplow fuq dawn il-vetturi kienet saret fil-ġranet u l-ġimgħat ta' wara li kienu saru r-rapporti lill-Pulizija. Il-konklużjonijiet tal-Professur Peplow huma għalhekk l-aktar prova ċara u inkontrovertibbli li kien hemm rabta bejn l-attività industrijali tas-soċjetà konvenuta u l-ħsarat sofferti mill-vetturi tal-atturi assigurati tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà appellanti argumentat li t-Tarzna ilha topera mill-istess inħawi għal aktar minn mija u ħamsin sena, u minkejja li r-residenti fl-inħawi kienu ilhom jaraw nugrufun u depożiti ta' materjali oħra fl-inħawi, kienu bosta li b'mod abbużiv marru jagħmlu r-rapport tagħhom bejn Jannar u Frar tal-2013 propju għaliex il-Grande Brasile kien bastiment ta' ċertu kobor u inzerta li r-riħ f'dak il-perijodu kien fid-direzzjoni tat-tliet ibliet. Argumentaw ukoll li l-attività tas-soċjetà konvenuta mhijiex l-unika attività industrijali fl-inħawi. Iżda min-naħa tagħha is-soċjetà appellata ma resqet ebda prova dwar attivitajiet industrijali

oħra li qegħdin isiru fl-istess inħawi li setgħu wkoll jikkawżaw l-istess tipi ta' ħsarat li ġarrbu l-atturi.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta;**

2) **Tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Marzu, 2019 fit-totalità tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta u dawk tal-ewwel istanza kif deċiż mill-ewwel Qorti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**